



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 163/21
Il-Lussemburgo, 27 ta' Settembru 2021

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Membru ġdid fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil Pēteris Zilgalvis bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn I-10 ta' Settembru 2021 u I-31 ta' Awwissu 2025.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta' P. Zilgalvis.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett f'12.00 fis-sit aċċessibbli fuq dan l-indirizz:
<http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdi>

Curriculum vitae ta' Pēteris Zilgalvis

Imwieleed fl-1964; gradwat fix-xjenzi politiċi mill-università ta' California, I-Istati Uniti (1986); dottorat fid-dritt mill-università ta' South California, I-Istati Uniti (1990); konsulent princiċiali fis-Servizz Legali tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (il-Parlament, il-Latvja (1990 sa 1992)); uffiċjal għall-Parlament Ewropew, għan-Nazzjonijiet Uniti, għall-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u għall-Unesco fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Latvja (1992); speċjalista fl-ambjent għar-reġjun Baltiku fil-Bank Dinji, I-Estonja, il-Latvja u I-Litwanja (1993 sa 1996); konsulent princiċiali fid-dritt tal-ambjent fil-kuntest tal-politiki għall-protezzjoni tal-ambjent tal-Bank Dinji, ir-Russja (1996 sa 1997); assistent kap tad-Dipartiment tal-Bijoetika fid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Legali tal-Kunsill tal-Ewropa (1997 sa 2005); kap tal-Unità "Governanza u Etika" tal-Kummissjoni Ewropea (2005 sa 2010); kap tal-Unità "Mard Infettiv u Saħħa Pubblika" tal-Kummissjoni Ewropea (2010); kap tal-Unità "Saħħa u Benesseri" tal-Kummissjoni Ewropea (2010 sa 2016); membru ta' St Antony's College tal-università ta' Oxford (2013 sa 2014); riċerkatur assoċjat fil-kuntest tal-programm dwar l-ekonomija politika tas-swieq finanzjarji fl-università ta' Oxford (2013 sa 2019); kap tal-Unità "Innovazzjoni Dijitali u Blockchain" tal-Kummissjoni Ewropea (2016 sa 2021); kopresident tal-grupp ta' ħidma Fintech tal-Kummissjoni Ewropea; membru tal-Kumitat Dinjiji tal-Kriptovaluti fi ħdan il-Forum Ekonomiku Dinji; membru tal-Kunsill Konsultattiv ta' Esperti tal-OECD dwar il-politiki fil-qasam tal-blockchain; membru tal-kumitat konsultattiv u lecturer fil-kuntest tal-programm ta' taħriġ dwar il-Fintech u I-innovazzjoni regolamentari fil-Judge Business School tal-università ta' Cambridge; membru tal-kumitat editorjali tal-Ġabro Baltika tad-Dritt Internazzjonali; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-27 ta' Settembru 2021.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355